REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1228

tal-14 ta' Lulju 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892 għas-sena 2022 fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna kif ukoll applikazzjonijiet għal pagamenti bil-quddiem u għal pagamenti parzjali minħabba l-kriżi kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 38(c), (e) u (l) tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba l-kriżi attwali kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-24 ta' Frar 2022, li bdiet ftit wara l-kriżi tal-COVID-19, il-bdiewa fl-Istati Membri kollha qed jiffaċċjaw diffikultajiet eċċezzjonali. Il-problemi loġistiċi għamlu lill-bdiewa fl-UE vulnerabbli għat-taqlib ekonomiku kkawżat minn din il-kriżi, u bħalissa qed jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji u problemi ta' likwidità. Fid-dawl tat-tfixkil kontinwu fis-suq u l-kombinazzjoni bla preċedent ta' ċirkostanzi, il-bdiewa fl-Istati Membri kollha ltaqgħu ma' diffikultajiet eċċezzjonali fl-ippjanar, fl-implimentazzjoni u fl-eżekuzzjoni tal-iskemi ta' għajnuna stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Għaldaqstant huwa neċessarju li jittaffew dawk id-diffikultajiet b'deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, l-organizzazzjoni tal-produtturi jridu jressqu applikazzjoni għall-għajnuna, jew għall-bilanċ tagħha, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għal kull programm operazzjonali li għalih tintalab l-għajnuna sal-15 ta' Frar tas-sena ta' wara s-sena li għaliha tintalab l-għajnuna. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(3) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-applikazzjonijiet għall-għajnuna jistgħu jkopru n-nefqa pprogrammata iżda mhux imġarrba jekk ikun hemm provi rigward ċertu elementi. Dawk l-elementi jinkludu li l-operazzjonijiet ikkonċernati ma setgħux jitwettqu sal-31 ta' Diċembru tas-sena tal-implimentazzjoni tal-programm operazzjonali, minħabba raġunijiet li jmorru lil hinn mill-kontroll tal-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata, u li dawk l-operazzjonijiet jistgħu jitwettqu sat-30 ta' April tas-sena ta' wara dik li għaliha tintalab l-għajnuna. Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, huwa xieraq li ssir deroga mill-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(3) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u li jiġi previst li l-applikazzjonijiet għall-għajnuna li jridu jitressqu sal-15 ta' Frar 2023 jistgħu jkopru n-nefqa għall-operazzjonijiet programmati għas-sena 2022 iżda li ma jitwettqux sal-31 ta' Diċembru 2022, jekk dawk l-operazzjonijiet ikunu jistgħu jitwettqu sal-15 ta' Awwissu 2023.

(3) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, l-applikazzjonijiet għall-pagamenti bil-quddiem jistgħu jiġu ppreżentati kif deċiż mill-Istat Membru, jew kull tliet xhur f'Jannar, f'April, f'Lulju u f'Ottubru jew inkella kull erba' xhur f'Jannar, f'Mejju u f'Settembru. Skont l-Artikolu 12(2) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-applikazzjonijiet għal pagamenti parzjali jistgħu jitressqu fi kwalunkwe ħin, iżda mhux aktar minn tliet darbiet fis-sena. Sabiex ikun hemm flessibbiltà għall-ġestjoni ta' programmi operazzjonali minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti tal-produtturi, inkluż il-finanzjament tagħhom, huwa xieraq li ssir deroga minn dawk id-dispożizzjonijiet u jiġi previst li l-applikazzjonijiet għal pagamenti bil-quddiem ikunu jistgħu jiġu ppreżentati fi kwalunkwe żmien tas-sena 2022 u li l-applikazzjonijiet għal pagamenti parzjali ikunu jistgħu jiġu ppreżentati aktar minn tliet darbiet fis-sena 2022.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/892 tat-13 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 57).

(4) Minħabba l-bżonn li tittieħed azzjoni immedjata, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Peress li l-programmi operazzjonali huma implimentati abbażi ta' sena kalendarja, id-derogi relatati mal-applikazzjonijiet għal pagamenti bil-quddiem u parzjali previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw retroattivament mill-1 ta' Jannar 2022.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Derogi mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892

1. B'deroga mill-Artikolu 9(3), l-ewwel subparagrafu, punt (b), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, l-applikazzjonijiet għall-għajnuna li jridu jitressqu sal-15 ta' Frar 2023 jistgħu jkopru n-nefqa għall-operazzjonijiet programmati għall-2022 iżda li ma jkunux twettqu sal-31 ta' Diċembru 2022 jekk dawn l-operazzjonijiet ikunu jistgħu jitwettqu sal-15 ta' Awwissu 2023.

2. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, l-applikazzjonijiet għall-pagamenti bil-quddiem jistgħu jitressqu fi kwalunkwe żmien tas-sena 2022.

3. B'deroga mill-Artikolu 12(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/892, l-applikazzjonijiet għall-pagamenti parzjali jistgħu jitressqu aktar minn tliet darbiet fis-sena 2022.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(2) u (3) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN